MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1054/1992/1

**Noel Ellul bhala rapprezentant tas-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd. u dina bhala agenti f'Malta tas-socjeta` assiguratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha s-socjeta` Michael Attard Limited; u b'nota tat-13 ta' Gunju 1994 Dottor Joseph Zammit Mckeon assuma l-atti tal-kawza flok Noel Ellul;**
**U b'nota ta' l-10 ta' Marzu 1999 l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Atlas Insurance Agency Limited bhala agenti Malta tas-socjeta` estera Guardian Royal Exchange Assurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assurgata taghha s-socjeta` Michael Attard Limited assuma fil-vesti ta' attur fil-kwalita tieghu premessa l-atti tal-kawza minflok is-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd.**

**Vs**

**Joseph Apps, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Sea Malta Company Limited, bhala armaturi tal-vapur PINTO;**
**Godwin Abela, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi s-socjeta` Michael Attard Limited importat minn Franza erba' (4) vetturi Peugeot, li gew imbarkati mill-port ta' Marsilja u traportati lejn Malta bil-vapur PINTO kif jirrizulta mill-polza ta' kariku annessa ma' l-att tac-citazzjoni Dok. 1;

Premess illi wara li l-bastiment wasal Malta fit-30 ta' Settembru 1991 u l-importatur mar jirtira l-vetturi msemmija sab li vettura minnhom kellha l-hsarat li jirrizultaw mix-Schedule ta' l-Information Form preparat mis-surveyor ta' l-Institute of London Underwriters anness mac-citazzjoni u markat Dok. 2;

Premess illi ghal dawn il-hsarat is-socjeta` assiguratrici attrici, kif obbligata, hallset is-somma ta' tliet mija tmienja u hamsin lira erbghin centezmu (Lm358.40) li minnhom sittax-il lira (Lm16) kienu survey fees, u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet ta' l-importatur (Dok. 3);

Premess illi s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghall-hsarat fuq riferiti;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti *nomine* responsabbli, jew min minnhom, ghall-hsara fuq indikata;

2. Tikkundanna lill-konvenuti *nomine* jew min minnhom li jhallsu lill-attur tliet mija tmienja u hamsin lira erbghin centezmu (Lm358.40) in linea ta' danni subiti mill-importatur u surrogati lill-attur *nomine* bl-interessi legali sad-data tal-pagament lill-attur *nomine* fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine*, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela *nomine* illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut *nomine* kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt u stante li l-vetturi in kwistjoni gew sbarkati minn fuq il-vapur bil-hsarat kif jirrizulta mill-*Joint Tally Sheet* numru 48375 annessa man-nota;

2. Illi fit-tieni lok kellha tigi ppruvata l-allegata surroga;

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess kellha ssir prova kif, meta u minn min sar l-allegat hlas ta' l-allegati danni;

4. Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghall-premess l-allegati danni kienu ghal kollox esagerati;

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess il-konvenut *nomine* jissoleva lima kienux fi kwakunwe kaz responsabbli ghall kwalunkwe hsarat u danni allegati, u dana ai termini tar-Regolamenti Nru. 86 dwar il-Portijiet annessa man-nota;

6. Illi fis-sitt lok u bla pregudizzju ghall-premess is-*survey fees* allegati, apparti li huma esagerati, ma jistghux jigu riklamati stante m'humiex danni ta' l-assigurat;

7. Illi fl-ahhar nett u bla pregudizzju ghall-premess l-interessi jiddekorru mid-data tac-citazzjoni, stante li si tratta dwar kawza ta’ danni (Sentenza ta’ l-Appell Sede Kummercjali deciza fis-sitta ta’April 1992 – citaz Nru. 112/86 – Dr. Robert Staines u Walter Camilleri vs Chev. Silvio Mifsud u Godwin Abela u John Cavallo);

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut Godwin Abela *nomine*, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Apps ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Sea Malta Company Limited bhala armaturi tal-vapur PINTO illi fiha huwa eccepixxa:-

In-nuqqas tar-responsabilita tas-socjeta` eccipjenti stante il-klawsola fil-polza ta’ assigurazzjoni, “*unprotected motor cars ship not responsible for damages and accessories*”, u “*vessel not responsible for accessories and/or other goods left inside vehicles nor any interior damage to upholstery fittings or accessories*”;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-istess konvenut *nomine*, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet tat-12 ta’ Jannar 1993 li permezz tieghu gie nominat Dr. Tonio Grech bhala espert gudizzjarju biex ifittex u jirrelata dwar id-domandi attrici wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-istess espert gudizzjarju li tinsab a fol. 60 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza ta’ l-14 ta’ April 1997;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

F'din l-azzjoni s-socjeta` attrici assigurata, surrogata fid-drittijiet tas-socjeta` importatrici, qed tirreklama minghand il-konvenuti, *qua* trasportatur u kuntrattur portwali rispettivament, rizarciment ghad-danni f'vettura tal-marka "Peugeot" li waslet Malta abbord il-bastiment "PINTO fit-30 ta' Settembru 1991;

Bhala fatti saljenti jirrizulta dan li gej:-

I. Il-vettura in kwistjoni kienet wahda fost erba' (4) li ngarru permezz ta' polza tal-kariku esebita a fol. 5 tal-process;

II. Fil-kors tat-*tallying* tal-merkanzija abbord il-vapur giet notata hsara fuq il-vettura u tnizzlu r-rimarki "*Rear bumper and boot dented*" fuq il-*joint tally* (fol. 17). Dan hu konfermat ukoll minn Austin Schembri (fol. 37) *shipping clerk* mas-socjeta` importatrici, li annota l-hsarat fil-mument tar-rilaxx taghha mill-area ta' Xatt il-Laboratorju fejn il-vetturi kienu *bonded*;

III. L-istess hsarat gew deskritti fil-Gate Pass Out (fol. 48) datat 4 ta' Ottubru 1991 taht il-firma ta' l-imsemmi xhud u dik ta' l-impjegat tal-Cargo Handling. Ara deposizzjoni ta' Emanuel Dimech, rapprezentant ta' din l-ahhar imsemmija socjeta`, a fol. 41 tal-process;

IV. Ghal hsarat hekk subiti s-socjeta` assiguratrici hallset, kif attestat mis-Subrogation Form (fol. 7), is-somma hemm indikata. Somma, li fi kliem ix-xhud Noel Ellul (fol. 39), kienet tikkorrispondi ghac-*CIF value* tal-*parts* rimpjazzati, id-dazju fuqhom, *labour* u *spray.* Dan kif muri fuq l-*Invoice* esebita a fol. 52 tal-process;

Ezaminati x-xhieda u d-dokumenti din il-Qorti ma tara l-ebda gustifikazzjoni jew raguni l-ghala ma ghandhiex taghti lil *Joint Tally* l-importanza tieghu. Dan id-dokument jaghmel prova sodisfacenti ta' dak li gie effettivament skarikat minn fuq il-vapur u l-istat tal-kariku fil-mument tal-hatt;

Evidentement is-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited tacceta l-prova ta' l-istat tal-vettura *de quo* meta din tnizzlet minn abbord, tant li ma ipproduciet l-ebda xhieda biex tikkuntrasta dan il-fatt. Hi llimitat ruhha ghad-difiza ta' ezenzjoni mir-responsabilita` fuq is-sahha tal-klawsoli specjali stampati fuq il-polza tal-kariku li jghidu li "*ship not responsible for damages and accessories*" u "*Not responsible for accessories and other goods left inside vehicles nor any interior damage to upholstery fittings and accessories*";

Sa mill-bidunett li giet rinfaccjata bis-sejha ghar-rizarciment ghad-danni din kienet il-posizzjoni difensjonali taghha. Ara ittra ta' din is-socjeta` datata 20 ta' Novembru 1991 (fol. 51);

Il-perit legali llimita ruhu ghall-osservazzjoni illi gjaladarba l-merce tghabbiet "*clean*" skond il-polza tal-kariku allura jibqa' l-obbligu fuq il-vapur ii dan jikkonsenjaha fl-istess stat li rceviha in konsenja. Altrimenti jkollu jwiegeb ghall kull hsara li ggarrab il-merce, u dan l-oneru huwa fuqu;

Sa hawn din il-posizzjoni guridika hi korretta, kif evidenzjat, *ad exemplum*, fid-decizjoni "**C. Zammit Pace noe -vs- V. Brockdorff**", Qorti tal-Kummerc, 16 ta' Mejju 1933;

Kien mistenni imbaghad li l-perit relatur japprofondixxi t-tematika rigwardanti l-klawsoli ta' ezenzjoni li f'kazijiet ta' din ix-xorta huma komuni hafna;

Hekk fid-decizjoni fl-ismijiet (**Negte. Lorenzo Mifsud per la sua Ditta G. & L. fratelli Mifsud -vs- Negte. Remigio Pace *nomine***", Qorti tal-Kummerc, 8 ta' Jannar 1884 (Vol. X p 360) insibu li "*che la polizza in quei termini ('shipped*

*in good order and condition') sebbene stabilisce prima facie una prova, benche` non concludente, che le merci siano state caricate in buona condizione, tuttavia quei termini non sono operativi contro tutte le altre condizioni apposte nella medesima polizza ed aventi lo scopo di esentare dalla responsabilita i proprietari per cio` che accadrebbe lungo il viaggio.*";

L-istess fehma hi espressa fil-kawza "**Negte. Carmelo Mifsud noe -vs- Cap. Marittimo Giuseppe Gallaro**", Appell Kummercjali, 10 ta' Marzu 1920;

Filwaqt li dawn is-sentenzi affermaw in linea ta' massima l-principju suddett, l-istess ma naqsux milli jippuntwalizzaw il-principju daqstant iehor importanti illi klawsoli simili ma jistghux jilliberaw lill-armatur jew lir-rapprezentant tieghu mill-konsegwenzi tal-fatt volontarju jew kolpuz fejn per ezempju jirrizulta stivagg hazin tal-merkanzija;

Fuq dan il-principju l-kazistika taghna hi wahda abbundanti u daqstant konkordi kif manifest f'dawn l-ezemplari: "**Albert Mizzi noe -vs- Ronald J. Pace noe**", Qorti tal-Kummerc, 7 ta' Mejju 1953; "**Walter Bonello -vs- Carmelo Caruana**", Appell Kummercjali, 8 ta' Novembru 1968; "**Robert Borg pro et noe -vs- Gio Maria Cini et**", Appell Kummercjali, 1 ta' Marzu 1969; "**Eucharistico Zammit noe -vs- Lawrence Ellul Sullivan et noe**", Appell Kummercjali, 16 ta' Jannar 1976 u "**Joseph Rizzo noe -vs- Edward Ellul Sullivan et**", Appell Kummercjali, 14 ta' Ottubru 1987;

Kif osservat mill-Qorti tal-Kummerc "id-duttrina in materja turi li mhux il-klawsoli kollha ta' ezoneru huma leciti, u ma jistghu qatt ikunu leciti sal-punt li bihom ikun hemm dik li tissejjah '*assicurazione delle colpe proprie'*. Kwindi l-kliem '*per loro conto, rischio e spese'* jiswew bhala ezoneru, imma mhux sal-punt li jeskludu l-htija tal-kaptan jew ta' l-impriza minnu nkarikata, u li ghaliha hu responsabbli." - "**Paul Camilleri et -vs- Paolo Mifsud noe**", 8 ta' Marzu 1957;

Issa kif jirrizulta mir-ricerka kondotta minn din il-Qorti l-istess socjeta` konvenuta, jigifieri s-Sea Malta Company Limited, kienet issollevat eccezzjoni konsimili ghal din in ezami fil-kawza fl-ismijiet "**Avukat Dottor Robert Staine noe -vs- Joseph Apps noe et**", Appell, 24 ta' April 1998;

Fiha gie rifless, bhala konsiderazzjoni kemm ta' fatt kif ukoll ta' dritt, is-segwenti:-

"Mhux bizzejjed li s-socjeta` appellanti (Sea Malta) tiddikjara illi l-hsara reklamata ma kienetx dovuta ghal xi negligenza jew tort taghha. Una volta jirrizulta dik il-hsara fiz-zmien meta l-merkanzija kienet mghobbija fuq il-vapur il-presunzjoni hi li tali hsara kellu jirrispondi ghaliha il-vettural, salv li dan jipprova l-estranjeta` tieghu ghall-kawza li pprovokat il-hsara. L-oneru tal-prova hu allura fuq is-socjeta` appellanti li ma tigix mehlusa mir-responsabilita` sakemm ma jigix stabbilit illi din grat ghal ragunijiet li bl-ebda mod ma jistghu jigu addebitati ghal xi negligenza jew traskuragni taghha. Din il-prova s-socjeta` appellanti ma ghamlithiex fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza. Ma sar l-ebda tentattiv da parti tas-socjeta` appellanti biex tipprova kif grat il-hsara u min seta' kien responsabbli ghaliha jew ghaliex setghet tippretendi li hi ma kienetx grat bi htija taghha.";

Dawn il-konsiderazzjonijet jghoddu b'egwal mizura ghal kaz in disamina. L-ammont reklamat bhala danni ma giex lanqas kontestat.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tillibera lis-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd minn kull responsabilita`, tiddikjara lis-socjeta` Sea Malta Company Limited unikament fi htija ghal hsarat fil-vettura skarikata minn fuq il-vapur "PINTO" fit-30 ta' Settembru 1991;

Konsegwentement tilqa' wkoll it-Tieni Talba u tikkundanna lil din is-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici d-danni reklamati fl-ammont ta' tliet mija u tmienja u hamsin

lira Maltija u erbghin centezmu (Lm358.40,0), bl-interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (14 ta' Settembru 1992).

L-ispejjez tal-kawza huma a karigu tas-socjeta` konvenuta sokkombenti hlief dawk relattivi ghas-socjeta` konvenuta l-ohra The Cargo Handling Co. Ltd li jibqghu a karigu tas-socjeta` attrici.

--------------------------------TMIEM--------------------------------